**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet. Il-kandidati huma mitluba li jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u li jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. It-tweġibiet KOLLHA jridu jinkitbu fuq l-iskrittipprovdut.**

## Taqsima A: Komponiment

Agħżel titlu minn dawn li ġejjin u ikteb madwar **200 kelma** dwaru. Agħmel attenzjoni għall-ortografija, il-bini ta' frażijiet u sentenzi u t-tqassim tal-komponiment. Din it-taqsima fiha **40 marka**.

1. It-traffiku f'pajjiżna
2. Id-djar tal-lum
3. Żjara lil ħabib l-isptar
4. Il-giddieb għomru qasir
5. Il-mezzi tal-komunikazzjoni
6. Kif jinbidel raħal bejn in-nhar u l-lejl

## Taqsima B: Taħriġ il-Fehem

Aqra sew din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet **kollha** li jsegwu. Din it-taqsima fiha **40 marka**.

Madwar erba' mitt sena qabel Kristu, f'Sirakusa, belt fi Sqallija, ġrat storja li baqgħet tissemma. Dak iż-żmien Sirakusa kienet taħt il-ħakma ta' Dijonisju, bniedem bla qalb u li ma kien jaħfirha lil ħadd.

Mela jkun hemm żewgt irġiel, Damone u Pizja, li kienu ħbieb tassew u jħobbu lil xulxin daqs l-aħwa. Ġara li Pizja mar kontra x-xewqa tal-ħakem Dijonisju, u dan il-kiefer ikkundanna lil Pizja għall-mewt. L-imsejken Pizja talab li qabel joqtluh iħalluh imur jara għall-aħħar darba lill-familja tiegħu. Iżda Dijonisju ma kienx sejjer iħalli lil Pizja joħroġ mill-ħabs u jitilqu li jkun jista' jaħrab u ma jerġax lura.

Hawn inqala' Damone li, bħala ħabib tal-qalb ta' Pizja, mar quddiem Dijonisju u talbu biex iħalli lil Pizja jmur jara lil niesu. Qal ukoll lil Dijonisju, li hu kien jagħmel tajjeb ghal Pizja, saħansitra jibqa' floku fil-ħabs u, kemm-il darba Pizja ma jerġax lura fil-waqt, kien lest biex jieħu l-mewt minfloku!

Għal dan il-kliem Dijonisju ħalla lil Pizja jmur jara lill-familja tiegħu, u żamm lil Damone kkalzrat biex jagħmel tajjeb għal ħabibu. Wieħed jista' jaħseb kemm feraħ Pizja meta qata' xewqtu, u ra għall-aħħar darba lill-għażiża martu, lill-maħbuba tarbija li kellu, lil niesu u lil ħbiebu l-oħra. Imma min-naħa l-oħra x'għali kellu meta ftakar li ma kellux jarahom iżjed!

Ta l-aħħar bewsa lil kulħadd, u fost il-biki ta' dawk il-maħbubin tiegħu, qabad iż-żiemel u telaq lura biex iżomm kelmtu u jeħles lil ħabibu Damone.

U x'taħsbu li ġara? Lil Pizja qatlulu ż-żiemel li fuqu kien riekeb! Issa żgur li ma kienx sejjer jilħaq! Mela waslet is-siegħa li Pizja kellu jiġi maqtul, iżda, x'waħda din! Dan kien għadu ma



wasalx. Bla ħniena ta' xejn qabdu lil Damone biex ineħħulu ħajtu, għax hu kien għamel tajjeb għal Pizja.

Din kienet dehra oħra ta' qsim il-qalb, meta n-nies raw kif l-imsejken Damone, biex juri mħabbtu lejn ħabibu, kien sejjer imut hu. Madankollu Damone kien jaf li Pizja ma kienx sejjer jidħak bih, u tassew li kien hekk.

Wasal fl-aħħar il-ħin tal-mewt, u kulħadd jibki x-xorti ħażina li messet lil Damone, meta, f'daqqa waħda, deher raġel nifsu maqtugħ bil-ġiri, li qasam il-kotra tan-nies, laħaq lil Damone u, nofsu mejjet bil-għeja, xteħet ma' għonqu.

In-nies li kien hemm baqgħu jħarsu lejn xulxin, iżda l-għaġeb iktar kiber meta raw li kull wieħed minn dawn iż-żewgt iħbieb talab lil Dijonisju biex jieħu l-mewt hu għal ħabibu!

Din l-imġiba qalbenija bejn dawn iż-żewgt iħbieb rattbet saħansitra l-qalb tal-kiefer Dijonisju, li, meta ra dik l-imħabba kollha, ħeles lil Damone u ħafer lil Pizja u talabhom li jkun ħabib tagħhom ukoll.

(Silta meħuda minn *Ġabra Ta' Ward* ta' E. B. Vella)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet kollha:**

1. Ikteb **veru** jew **falz** fejn kull waħda minn dawn is-sentenzi:
   a) Il-post kien taħt il-ħakma ta' Dijonisju.
   b) Pizja kien il-ħakem ta' fejn ġrat din l-istorja.
   c) **Kkalzrat** tfisser kien maqful il-ħabs.
   d) Il-kotra tan-nies kienet miġbura biex tara l-mewt ta' Damone.
   e) Dijonisju kien bniedem ħanin. (10 marki)

2. Fisser fi kliemek dawn il-frażijiet:
   a) Bniedem bla qalb
   b) Iħobbu lil xulxin daqs l-aħwa
   c) Ħabib tal-qalb
   d) Kien għamel tajjeb
   e) Dehra oħra ta' qsim il-qalb (10 marki)

3. X'ġara meta Pizja ġie biex jirritorna lura lejn il-ħabs ? (5 marki)
4. Kif wera Damone l-imħabba kbira li kellu lejn Pizja? (5 marki)
5. X'isem kont tagħti lil din is-silta? (2 marki)
6. Ikteb żewġ verbi minn din is-silta. (2 marki)
7. Ikteb żewġ nomi minn din is-silta. (2 marki)
8. Min kien Dijonisju? (2 marki)
9. Kif spiċċat l-istorja? (2 marki)

## Taqsima Ċ: Lingwa

Wieġeb l-eżerċizzji **kollha** li ġejjin. Din it-taqsima fiha **20 marka**.

1. Agħżel **waħda** mill-kelmiet li ssib fil-parentesi.

a) Lil oħtu (ta, taha, ta') ħafna pariri siewja.

b) Hekk kif l-għalliem daħal fil-klassi (tefa, tefa') is-swiċċ tal-lampa.

c) Qatt tuża (kollha, kolla) kif ġie ġie għax tista' twaħħal il-karti (kollha, kolla) flimkien.

d) (Iż-żgħar, Iż-żar, Iż-żahar) tal-laring u l-lumi jfuħu ħafna.

e) Darba qaluli li ħadd - hu (min,minn) hu - ma jixtieqek aħjar minnu.

(10 marki)

2. Qiegħed is-sentenzi li ġejjin fin-negattiv:

a) Ommi tħobb tiekol il-ħut u l-għaġin.

b) It-tifla kienet taf tirreċta fuq il-palk.

c) Raymond ħela ħafna ħin jilgħab bil-kompjuter.

d) Il-mara x-xiħa bierket lil uliedha.

e) Il-kaċċatur jibża' minn annimali feroċi.

(10 marki)

**Total: 100 marka**

**TMIEM TAL-KARTA**



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA, MALTA

# Eżami għall-Post ta' *Security Guard* fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima

**Suġġett:** **Il-Malti**

**Data:** **Il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu 2019**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

freephone 153 e-mail myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt